MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 1268/1996/1

**Alfred Zahra u Rita Zahra u b'digriet tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju, 2005 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Pauline Gosney, Silvana Briffa u Sonia Farrugia minflok Rita Zahra illi mietet fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Raymond Bajada u Clare Bajada**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi l-konvenuti huma debituri taghhom fis-somma ta’ Lm5525 (hames t’elef hames mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin) bilanc ta’ somma akbar mislufa mill-atturi lill-konvenuti skond skritturi annessi u markati Dok A-E; illi l-konvenut Raymond Bajada pprezenta cekkijiet lill-atturi ghal(l)-ammont hawn fuq imsemmi, liema cekkijiet ma setghux jissarfu (Dok F-M); illi l-konvenuti kienu interpellati mill-atturi u naqsu li jhallsu s-somma hawn fuq imsemmija; talbu ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex: 1. prevja d-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u in vista tal-*affidavit* tal-atturi; 2. tikkundanna lill-konvenut (*sic*) ihallas lill-atturi s-somma ta’ Lm5525 (hames t’elef, hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin) dovuti ghan-nuqqas ta’ pagament kif spjegat; bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti in subizzjon;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi, guramentata minn Alfred Zahra, l-*affidavit* ta’ l-istess Alfred Zahra u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti illi biha eccepew:

1. Illi t-talba attrici fl-ammont dedott hija infondata stante li l-ammont ta’ Lm5525 m’huwiex dovut;

2. Illi l-konvenut Raymond Bajada ghamel diversi pagamenti u l-bilanc dovut, abbazi tal-pagamenti maghmula u tal-flus dovuti skond l-iskritturi ffirmati, huwa biss ta’ Lm1725;

3. Illi, *inoltre*, lanqas is-somma ta’ Lm1725 m’hija dovuta fl-interità taghha *stante* li meta l-attur kien isellef lill-konvenut kien jinkludi fis-somma indikata bhala mislufa, imghax ta’ 20%, li ghaldaqstant jammonta ghal usurerija [recte: usura] illegali;

4. Illi l-konvenuta Clare Bajada qatt ma kienet parti ghall-ftehim jew skritturi ta' self maghmula bejn l-attur u l-konvenut Raymond Bajada;
Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, guramentata minn Raymond Bajada, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza ta' l-erba' (4) ta' Ottubru, 2002 illi permezz taghha l-Prim' Awla tal-Qorti Civili laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u cahdet it-talbiet attrici u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"L-atturi jippretendu li l-konvenuti huma debituri taghhom fis-somma ta' hamest elef hames mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm5525) bilanc ta' somma akbar rappresentanti somom mislufa lill-konvenuti;

"Da parti taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu li l-ammont indikat fic-citazzjoni mhux dovut, *stante* li saru diversi pagamenti u l-bilanc *semmai* dovut huwa biss ta' Lm1725. Dan l-ahhar ammont però lanqas ma hu kollu dovut *stante* li meta l-attur kien isellef il-flus lill-konvenut huwa kien jinkludi fis-somma indikata bhala li giet mislufa l-imghax ta' ghoxrin fil-mija (20%) u dan jammonta ghall-uzura. Il-konvenuti fl-ahhar nett qed jeccepixxu li l-konvenuta Clare Bajada qatt ma kienet parti fil-varji negozji li saru bejn l-attur u l-konvenut;

"L-atturi esibew kopji fotostatici ta' varji skritturi li jindikaw li l-konvenut Raymond Bajada ssellef diversi ammonti minnghand l-attur Alfred Zahra. (*Vide* dokumenti minn fol. 4, 5, 6, 7 u 9). Dawn id-dokumenti juru li s-sommom mislufa kienu ta' Lm1800 fil-21 ta' Dicembru 1993, Lm5000 fl-4 ta' Gunju 1994, Lm1250 fid-9 ta' Gunju 1994, Lm1200 fil-21 ta' Lulju 1994 u Lm3870 fis-26 ta' Awissu 1994. Ma jidhirx li hu kontestat li fl-imsemmija dati l-attur sellef xi flus lill-konvenut. Il-konvenut jghid, però, li f'dawn id-dati huwa ma rcevix minnghand l-attur l-imsemmija sommom, izda rcieva inqas peress li l-attur kien izid mas-somma effettivament mislufa ghoxrin fil-mija (20%) hew hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) tal-istess somma u dana bhala imghax. Il-konvenut isostni,

ghalhekk, li kien hemm l-uzura f'dawn il-varji negozji li saru bejn l-attur u l-konvenut. Il-konvenut isostni *inoltre* li l-ammonti li huwa hallas lill-attur ikopru kemm is-somom mislufa kif ukoll l-imghaxxijiet *semmai* permessi mill-ligi;

"L-attur Alfred Zahra jichad li huwa kien izid mas-somma effettivament mislufa l-imsemmi persentagg bhala imghax. Huwa kkonferma li sellef lill-konvenut l-ammonti li huma indikati fuq l-imsemmija dokumenti. Huwa *inoltre* kkonferma li ghad ghandu jiehu minghand il-konvenut is-somma indikata fic-citazzjoni u cioè is-somma ta' Lm5525;

"Ghandu jinghad mill-bidu nett li l-atturi ma ppruvawx b'mod sufficjenti dawn il-pretensjoni[jiet] taghhom u cioè li huma ghad ghandhom jiehdu minnghand il-konvenut is-somma indikata fic-citazzjoni. Difatti l-attur ipproducja biss dokumenti (fol. 58) li, skond kif jghid huwa stess, jigbru fihhom xi notamenti li huwa kellu dwar hlasijiet u pagamenti li saru mill-konvenut. Dawn id-dokumenti però ma jistghux jinghataw valur probatorju. L-ewwel nett l-attur naqas li jesibixxi n-notamenti li fuqhom huwa kkompila dawn id-dokumenti u *inoltre* l-istess attur precedentement kien xehed li huwa ma kienx izomm *records* dwar il-hlassijiet li kien jghamel il-konvenut. *Inoltre* l-attur ma setax jghid, ghar-rigward ta' kull somma li huwa ta lill-konvenut, kemm mill-istess somom kien hallas l-istess konvenut. Minn dawn id-dokumenti esibiti mill-attur jirrizulta li l-konvenut ghad ghandu jghati somma ferm akbar minn dik mitluba mill-attur fic-citazzjoni. L-attur ma setax jispjega dan il-fatt. Barra minn hekk, fil-kors tad-depozizzjoni tieghu, l-attur [i]kkonferma ukoll li kien ghad ghandu jiehu minnghand il-konvenut is-somma ta' Lm8,870 u lanqas ma seta' jispjega ghala huwa f'dawn il-proceduri qed jitlob somma ferm anqas;

"Dwar ir-rata ta' imghax li kellu jhallas il-konvenut, l-attur jghid li kien ftiehem mal-konvenut li din kella tkun l-istess rata tal-imghax li l-attur kien qed ihallas lill-bank fuq ammonti lilu mislufa. Dan mhux kredibbli in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tar-risultanzi. Difatti fl-imsemmija skritturi ma hemm xejn indikat li kellha tithallas din ir-rata ta' imghax. Jirrizulta li f'wahda minn dawn l-

iskritturi (fol. 4) in effett hemm indikat li jekk l-ammont ma jithall[s]x fiz-zmien skond kif indikat fl-istess skrittura kellu jizdied fuq l-ammont li kien ghadu dovut ghoxrin fil-mija (20%) tal-istess ammont. Jirrizulta ukoll li fl-iskritturi in kwestjoni ma hemmx indikata r-rata tal-imghax li kellu jithallas. Dan il-fatt hu indikattiv li mas-somma effettivament mislufa kienet tizdied somma ohra bhala imghax b'rata mhux permessa mill-ligi. Dan kollu jikkonferma dak li qal il-konvenut u jikkontradixxi dak li qal l-attur. In effett l-attur stess ammetta li fl-ahhar il-konvenut gieli kien itih xi Lm100, probabilment bhala rigal;

"Ghalhekk ma jirrizultax sufficjentement ippruvat li l-konvenuti ghad ghandhom jghatu lill-atturi s-somma indikata fic-citazzjoni. Lanqas ma tirrizulta li hi dovuta xi somma izghar. Dan qed jinghad in vista tal-fatt li ma jistax jigi eskluz li l-attur meta kien isir is-self kien izid mas-somma mislufa ammont bhala imghax b'rat[a] mhux permessa mill-ligi. *Inoltre* l-konvenut ikkonferma ukoll li l-attur, meta il-hlas ma kienx isir fil-hin, kien izid mas-somma dovuta ghoxrin fil-mija (20%) tal-istess somma. Kif già gie rilevat dan hu effettivament indikat f'wahda mill-iskritturi li gew esibiti mill-istess attur. *Inoltre* il-konvenut ikkonferma li b'kollox lill-attur huwa hallsu madwar tlettax il-elf lira maltin (Lm13,000) meta huwa kkalkola li kien issellef minghand l-istess attur circa disat elef lira (Lm9000);

"Huwa minnu li l-atturi esibew diversi cekkijiet iffirmati mill-konvenuti u liema cekkijiet jidhru li ma gewx imsarrfa. Dan il-fatt però mhux determinanti peress li kif già nghad ma jirrizultax sufficjentement pruvat li l-konvenuti ghad ghandhom jghatu xi somom lill-atturi;

"In vista ta' dan kollu t-talbiet attrici m'ghandhomx jigu akkolti";

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-atturi illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi:
"… din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili ta' l-4 t'Ottubru 2002

fl-ismijiet *Alfred Zahra u Rita Zahra vs Raymond Bajada u Clare Bajada*, u dan billi tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti u tilqa' t-tieni talba attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati";

Rat ir-risposta ta-konvenuti illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi s-sentenza appellata tigi konfermata, bl-ispejjez kontra l-attur (*sic*);

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta' l-atturi appellanti kontra s-sentenza appellata huma bazikament is-segwenti:

1. Illi r-Reverendu Joseph Bajada u Emanuel Bajada, prodotti bhala xhieda mill-konvenut (*sic*), "gew ammessi bhala xhieda minghajr ma kienu xhieda dikjarati";

2. Illi, fi kliem ir-rikors ta' appell:
"… is-sentenza appellata hija nulla stante li hija bazata fuq principju zbaljat li f'kaz ta' allegat hlas, il-prova tal-hlas jew nuqqas ta' hlas trid issir minn min jircievi l-hlas u mhux minn min jeffettwa l-hlas, meta fil-fatt il-principji tal-ligi jirrikjedu l-kuntrarju";

3. Illi l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta ma emmnitx lill-attur;

4. Fi kliem ir-rikors ta' appell:

"… r-raba' aggravju jirrigwarda l-verosimilità t[a]l-kaz";

5. Illi, ghalkemm giet milqugha r-raba' (4) eccezzjoni tal-konvenuti, fis-sentenza appellata din l-eccezzjoni, fi kliem ir-rikors ta' appell:
"… ma giet bl-ebda mod indirizzata, u ghalhekk dwar din l-eccezzjoni s-sentenza mhix motivata";

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx wisq x'jinghad dwar l-ewwel (1) aggravju ta' l-appellanti. Huwa sufficjenti illi tigi hawn citata s-segwenti silta mill-verbal ta' l-udjenza mizmuma mill-ewwel Qorti fil-hdax (11) ta' Gunju, 1999 (fol. 71):
"Meta ssejhet il-kawza dehru l-atturi assistiti minn Dott. Leslie Cuschieri. …

"Xehdu: 1) Rev. Joseph Bajada imsejjah mill-konvenuti.

2) Emanuel Bajada prodott mill-konvenuti" (sottolinear
ta' dina l-Qorti);

Mill-imsemmi verbal ma jirrizultax illi l-atturi - jew id-difensur taghhom - opponew ghall-produzzjoni ta' l-imsemmija xhieda. Anqas ma jirrizulta illi qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata saret xi talba mill-atturi ghall-isfilz mill-atti processwali tad-depozizzjonijiet ta' l-istess xhieda;

Huwa evidenti, ghalhekk, illi l-aggravju in ezami mhux biss mhux fondat talli jirrazenta il-frivolu;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel haga illi ghandha tigi rilevata dwar it-tieni (2) aggravju ta' l-appellanti hija illi, ghalkemm permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti qed isostnu illi s-sentenza appellata hija nulla, ma ghamlux talba sabiex is-sentenza tigi annullata, talbu biss illi l-istess sentenza tigi revokata. Minhabba din il-konsiderazzjoni biss, l-aggravju in ezami ta' l-appellanti ma jistax jintlaqa'; però, a skans ta' ekwivoci, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi, anke kieku intalbet id-dikjarazzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, ma hemmx lok illi dina t-talba tintlaqa', u dana ghar-ragunijiet segwenti:

(i) l-appellanti qed jippretendu illi s-sentenza appellata hija nulla ghaliex fiha l-ewwel Qorti invertiet l-oneru tal-

prova, fattur illi, anke kieku l-appellanti ghandhom ragun dwaru, ma jimportax in-nullità ta' att gudizzjarju (ara artikoli 789 u 790, Kap. 12);

(ii) ma jirrizultax illi l-ewwel Qorti invertiet l-oneru tal-prova. Infatti, fil-fehma ta' dina l-Qorti, l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha illi "… ma jirrizultax sufficjentement ippruvat li l-konvenuti ghad ghandhom jghatu lill-atturi s-somma indikata fic-citazzjoni" wara illi:

(a) ikkonstatat korrettement illi l-attur Alfred Zahra ma tax spjegazzjoni konvincenti dwar kif wasal ghall-ammont bilancjali ta' Lm5525 mitlub mill-atturi fl-att ta' citazzjoni. F'dan ir-rigward huwa utili illi tigi hawn riprodotta s-segwenti silta mis-sentenza appellata (fol. 96):
"Minn dawn id-dokumenti esebiti mill-attur jirrizulta li l-konvenut ghad ghandu jghati somma ferm akbar minn dik mitluba mill-attur fic-citazzjoni. L-attur ma setax jispjega dan il-fatt. Barra minn hekk, fil-kors tad-deposizzjoni tieghu, l-attur kkonferma ukoll li kien ghad ghandu jiehu minnghand il-konvenut is-somma ta' Lm8,870 u lanqas ma seta' jispjega ghala huwa f'dawn il-proceduri qed jitlob somma ferm anqas";

B'zieda ma' dak illi qalet l-ewwel Qorti f'din is-silta, tajjeb illi jigi rilevat illi mill-ittra ufficjali esebita - dokument XYZ1 (fol. 84) - jirrizulta illi fis-27 ta' Dicembru, 1995 l-attur interpella lill-konvenut sabiex ihallsu s-somma ta' Lm7929 "ghall-self *brevi manu*" filwaqt illi l-konvenut, b'riferenza ghal din l-ittra ufficjali, xehed (fol. 82):
"Nikkonferma … illi fil-perjodu ta' bejn meta rcevejt l-ittra ufficjali sakemm giet prezentata din il-kawza jiena m'ghamilt l-ebda hlasijiet" (sottlinear ta' dina l-Qorti);

(b) ikkonstatat illi, kif qed jippretendu l-konvenuti fit-tielet (3) eccezzjoni taghhom (fol. 23):
"… mas-somma effettivament mislufa kienet tizdied somma ohra bhala imghax b'rata mhux permessa mill-ligi" (fol. 96);

Ghalhekk, it-tieni (2) aggravju ta' l-appellanti ma jistax jintlaqa';

Ikkunsidrat:

Illi t-tielet (3) u r-raba’ (4) aggravji ta’ l-atturi appellanti sejrin jigu konsidrati flimkien ghaliex, meta jittiehed in konsiderazzjoni dak kollu illi issottomettew l-atturi fir-rikors ta’ appell taghhom dwar dawn iz-zewg aggravji, jirrizulta illi, essenzjalment, l-istess aggravji jammontaw ghal lanjanza wahda, u cioe` dik illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti;

L-ewwel haga illi ghandha tinghad dwar din il-lanjanza hija illi, kwantu ghas-sottomissjoni ta’ l-appellanti illi l-ewwel “Qorti m’ghamlet ebda indagni fuq il-kredibilità tal-konvenut” (fol. 103), ghalkemm huwa veru illi fis-sentenza appellata ma jinghadx wisq dwar kemm huwa kredibbli l-konvenut, jidher illi dan sar ghaliex l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni korretta illi l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw illi ghandhom jiehdu s-somma minnhom mitluba fl-att ta’ citazzjoni, minghajr ma kellha bzonn **wisq** illi tindaga dwar il-kredibilità tal-konvenut.

Dan precizat, dina l-Qorti, wara illi ezaminat il-provi kollha prodotti, hija tal-fehma illi ma hemmx raguni serja sabiex jigi disturbat l-apprezzament tal-provi prodotti maghmul mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, specjalment meta jittiehdu in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet ta’ l-appellanti dwar it-tielet (3) aggravju taghhom. Sejra issa tigi konsidrata biss l-ewwel (1) sottomissjoni bil-miktub illi ghamlu l-appellanti dwar dan l-ahhar imsemmi aggravju, liema sottomissjoni hija hawn riprodotta *in toto* (fol. 102):
“Illi [l-]Qorti tal-Prim’ Awla [*sic*], fis-sentenza taghha, ghamlet emfasi kbira fuq il-fatt li l-attur ipprezenta skritturi b’ammont globali ferm oghola minn dak mitlub fic-citazzjoni, u li fil-fatt l-attur ikkonferma li kellu jiehu minn ghand il-konvenut somma akbar minn dik indikata fic-citazzjoni, izda ma spjegax ghalxiex f’din il-kawza talab somma ferm izghar. L-attur huwa bniedem anzjan ta’ aktar minn 60 sena, dahal diversi drabi l-isptar, u facli jitfixkel; izda l-ispjega li talbet il-Qorti dwar dan hija facli ghal min jifli sew ic-citazzjoni. Din il-kawza infethet bhala kawza bil-procedura tal-Giljottina, u bhal ma tghid car it-

tieni premessa, is-somma mitluba hija l-ammont komplessiv indikat fuq ic-*cheques* ipprezentati stante li mhux imhallsa. Dan kien l-ammont cert, likwidu u dovut; mentri kieku talab is-sebat elef jew tmint elef li fil-fatt kellu jiehu, l-ammont ma kienx ikun facli jindikah bi precizjoni ghal skopijiet tal-Giljottina. Jidher li meta gie biex jiftah il-kawza, l-attur halla f'idejn l-avukat tieghu, izda ma fehemx ezatt x'kien qed jigri; b'daqshekk ma nistghux nittimbrawh, forsi indirettament, bhala mhux kredibbli" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Jekk huwa veru illi "l-attur halla f'idejn l-avukat tieghu", tajjeb illi jinghad illi, minn naha wahda, kawza tibqa' dejjem ta' min jippropiniha u mhux ta' l-avukat inkarigat minnu u illi, min-naha l-ohra, ma jidhirx illi l-matematika hija il-*forte* ta' l-atturi jew ta' l-"avukat" taghhom. Infatti, meta jinghadu l-ammonti indikati fic-*cheques* illi kopji taghhom gew esebiti ma' l-att ta' citazzjoni (dokumenti immarkati bl-ittri minn F sa M, fol. 10 sa 17), igibu s-somma komplessiva ta' sitt elef, tliet mija u hamsa u ghoxrin lira maltija (Lm6325). L-ammont pretiz mill-atturi fl-att ta' citazzjoni huwa ta' Lm5525. Dik "precizjoni"! Tajjeb illi jigi notat ukoll illi, milli jidher, l-atturi anqas illum - jew, almenu, meta gie intavolat ir-rikors ta' appell - ma huma certi dwar kemm ghandhom jiehdu minghand il-konvenuti. Infatti, fis-silta appena citata mir-rikors ta' appell, l-atturi jghidu "is-sebat elef jew tmint elef li fil-fatt [l-attur] kellu jiehu". Jista' wiehed ilum lill-ewwel Qorti illi, f'dawn ic-cirkostanzi, ma tatx wisq kredibilità lill-attur?

Minn dak illi inghad sa issa huwa evidenti illi ma hemmx lok illi jigu akkolti t-tielet (3) u r-raba' (4) aggravji ta' l-appellanti;

Ikkunsidrat:

Kwantu ghall-hames (5) aggravju, huwa veru illi, fis-sentenza appellata, ir-raba' (4) eccezzjoni tal-konvenuti giet milqugha u illi din l-eccezzjoni ma giet b'ebda mod konsidrata. Però, fil-fehma ta' dina l-Qorti, dan gara minhabba l-fatt illi, la darba l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni gusta illi t-talba attrici ma kellhiex tintlaqa', ma

kienx hemm in-necessità illi tigi konsidrata l-imsemmija eccezzjoni illi taqra hekk (fol. 23):
"Illi l-konvenuta Clare Bajada qatt ma kienet parti ghall-ftehim jew skritturi ta' self maghmula bejn l-attur u l-konvenut Raymond Bajada";

F'dawn ic-cirkostanzi, kien indikat illi, pjuttost milli din l-eccezzjoni tigi michuda, jigi dikjarat illi ma kienx hemm lok illi jinghata provvediment dwar l-istess eccezzjoni. Ghalhekk sejjer isir il-provvediment mehtieg fil-parti deciziva ta' dan il-gudikat. Dina l-Qorti trid taghmilha cara illi mhux il-kas illi, minhabba dan il-provvediment, il-konvenuti jigu kundannati ghall-hlas ta' xi parti mill-ispejjes gudizzjarji;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tirrevokaha biss kwantu laqghet ir-raba' (4) eccezzjoni tal-konvenuti u illi tikkonfermaha ghall-kumplament, u billi tiddikjara illi ma hemmx lok ghal provvediment dwar ir-raba' (4) eccezzjoni tal-konvenuti;

Tordna illi l-ispejjes ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------